# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. MICHAEL MALLIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 25 ta' Gunju 2002**

**Numru   13**

**Avviz  numru   800/01mm**

**HSBC Bank Malta plc**

**vs**

**Carmelo Buttigieg**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba tal-Bank attur ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' erbat elef, disa' mija u erbghin lira (Lm4940) import ta' hames kambjali skaduti fit-2 ta' Marzu, ta' April, ta' Mejju, ta' Gunju u ta' Lulju, 2000, liema kambjali gew girati u fil-pussess tal-Bank – li kopja taghhom hija esebita u mmarkati Dok. A, B, C, D u E.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali mid-data tal-iskadenza ta' kull kambjala rispettivament kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-konvenut li biha ammetta t-talbiet attrici.

Fuq l-iskorta ta' din l-ammissjoni, tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici bl-ispejjez kontra l-konvenut.

Anthony Zammit
Deputat  Registratur